MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Numru. 1094/2011

**SPETTUR IAN ABDILLA**

**VS**

**JOSEPH FRIGGIERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Joseph Friggieri ta’ 48 sena, bin Joseph u Lucia nee’ Mercieca, mwieled Attard fil- 25 ta’ Marzu 1966, residenti Beatrice Flats, Flat 1, Triq Mons. Dandrija, Msida u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 201766M;

Talli;

1) F’ Settembru 2011 u fix- xhur u fis-snin ta’ qabel, f’ dawn il- Gzejjer, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda, b’ mezzi kontra l- ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jwebilli werga haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti imaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kmierika, ghamel qligh b’ qerq ta’ aktar minn €2,329.37 ghad- dannu ta’ Joseph Spitrei, Doris Spiteri, Rodney Spiteri, Janice Corey u Ignatius Debono;

2) Ikkommetta reaq li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil- perjodu operattiv ta’ sentenza sospiz moghtija mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) diversement preseduta liema sentenza saret definittiv u ma tistax tigi mibdula;

3) Kif ukoll ser recidiv tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta b’ sentenza moghtija minn dawn il- Qrati diversament preseduta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 2 ta' Jannar 2014, fejn gew indikati l-Artikoli relattivi li tahthom kellu jghaddi in gudikat l-istess imputat;

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti tittratta mieghu sommarjament ghal dawn il-proceduri;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Il-parti leza f'din il-kawza, Joseph Spiteri, kien jiggestixxi negozju zghir ta' 'grocery' fil-lokalita'

ta' Bugibba. Minn hemmhekk, sar jaf lill-imputat bhala wiehed mill-klijenti li kien jigi l-hanut tieghu. Jirrisulta li l-imputat kien ipperswada lil Spiteri biex jidhol ghal negozju iehor billi japplika ghal 'tenders' ghall-installazzjoni ta' diversi oggetti fil-progett tal-bini ta' Smart City. L-imputat kien qallu li kellu johrog ammont ta' flus sabiex japplika ghal dawn it-'tenders', u kien qallu wkoll li kellu kuntatti mal-Ministeru ta' dak iz-zmien biex ighinu jirbah it-'tenders' imsemmija. Spiteri ghazel li jidhol ghal dan in-negozju, u beda jaghti ammonti ta' flus lil-imputat hekk kif dan kien jitlobhomlu. Dan l-istat ta' fatt baqa' jsehh tul medda ta' zmien, sakemm Spiteri ma felahx ihallas aktar ammonti ta' flus, u sa fl-ahhar iddecieda li jaghmel rapport lill-Pulizija. Ghalhekk l-imputat kien gie interrogat fit-28 u fid-29 ta' Settembru, 2011, u dakinhar stess gie imressaq il-Qorti b'dawn l-akkuzi. Hu kien wiegeb li mhux hati, u ghaldaqstant inbdiet il-kumpilazzjoni mertu ta' din il-kawza.

Ix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni kien Joseph Spiteri, li xehed fid-dettall kif kien sar jaf lil Friggieri, u kif kien gie perswaz li jidhol ghal dan l-hekk imsejjah negozju. Hu xehed li Friggieri kien jigi ghandu l-hanut, qabdu jitkellmu, u darba offrielu li jghinu jidhol ghal 'tender' ta' skola, u li kien ser ikellem lill-Ministru Austin Gatt, u li kien ser icempillu certu Manwel Delia. Ghal dan it-'tender' Friggieri kien talab is-somma ta' €1,300 lil Spiteri, li hallashom. Wara xi jiem, l-imputat kien qallu li t-'tender' kien hadha, u li kellu jhallas xi €13,000 ohra. Imbaghad, Friggieri kien ipperwadih johrog ghal 'tender' ohra tal-progett ta' Smart City, ghal kisi u installar ta' katusi. Fil-frattemp, lil Spiteri kien icempillu xi hadd li jghidlu li hu Manwel Delia, li t-'tenders' kien hadhom Spiteri, u li kellu ghalhekk ihallas aktar flus. Aktar tard, dan Delia kien cempel lil Spiteri b'aktar 'tenders', u kull darba Spiteri jispicca jhallas eluf kbar f'Ewro. Dan l-istat ta' fatt

baqa’ ghaddej sakemm Spiteri kien sahansitra gie perswaz jigbed flus mill-bank biex ikun jista’ jhallas ghal dawn it-‘tenders’, ghax, kif kienu qalulu Friggieri u Delia, jekk ma jibqax ihallas jitlef kollox. Ghalhekk Spiteri baqa’ johrog il-flus kull meta intalab jaghmel hekk.

Spiteri dahal f’hafna dettall fix-xiehda tieghu. Il-Qorti mhix ser tirrepeti dak kollu li ntqal minnu. Sahansitra Spiteri kellu anke jaghmel ‘booking’ ma’ lukanda f’Marsaskala, ic-Cerviola Hotel, ghax kellhom jigu xi tletin haddiem mill-Italja biex jinstallaw ‘air conditioners’ fi Smart City, wiehed mit-‘tenders’ li kellu jidhol ghalihom Spiteri. Dawn il-haddiema qatt ma gew, u l-prezz ghal-lukanda spicca jhallasha Spiteri. Fix-xiehda tieghu qal ukoll li darba kien gie perswaz ihallas aktar flus biex issir kumpanija registrata mal-MFSA, u darb’ ohra Friggieri kien qallu biex jixtri villa l-Mellieha bil-flus li kien ser idahhal mit-‘tenders’, u kien hallas ammont iehor. Tul dan iz-zmien kollu, kultant kien icempillu Manwel Delia lil Spiteri, u kultant addirittura l-Ministru Austin Gatt, jew xi hadd jaghmilha ta’ Delia u tal-Ministru. Din l-istorja bdiet f’Awwissu 2009, u baqghet sejra sa ma ttiehdu dawn il-proceduri. B’kollox, Spiteri qal li kien hallas lil Friggieri madwar seba’ mija whamsin elf Ewro (€750,000), sakemm ghamel kwerela u bdiet il-kawza.

Xehdu wkoll il-familjari ta’ Spiteri, li lkoll ikkonfermaw kif huma taw hafna flus lil parti leza biex ikun jista’ jibqa’ jhallas lil Friggieri s-somom ta’ flus li kien baqa’ jitolbu. In sostenn tax-xhieda taghhom, huma esebew diversi kopji ta’ cekkijiet mahruga minnhom, kif ukoll dokumenti tal-bank.

Fl-istqarrijiet irrilaxxati minnu, Friggieri ighid li kien ha ammonti ta' flus minn ghand Spiteri ghal dan ix-xoghol ta' 'tenders', izda kien spicca jhallas djun tieghu personali fuq flus li kien issellef bl-uzura. Qal li kien ha xi €175,000 minn ghand Spiteri, u li kien lest iroddhom lura lilu. Fl-istess stqarrijiet, ighid li kien semma' diversi ismijiet ma' Spiteri biex jikkonvincih li kellu s-sahha jiehu t-'tenders' imsemmija.

Bhala konsiderazzjoni tal-Qorti fuq il-provi li nstemghu, ftit li xejn hemm x'jigi analizzat. Dan il-kaz hu, fi ftit kliem, wiehed ta' qsim il-qalb. Bil-messa in xena li holoq l-imputat, Spiteri u l-familjari tieghu tilfu dak kollu li hadmu ghalih tul hafna snin. Spiteri spicca vittma ta' 'confidence trickster' per eccellenza, li bla skrupli ta' xejn sab persuna li fdatu bis-shih u spicca tilef kollox. Din il-Qorti tissimpatizza mal-parti leza, izda m'ghandha ebda rimedju x'tista' taghti. L-unika haga li tista taghmel il-Qorti hi li tara hemmx htija o meno fl-imputat ghar-reat li tieghu gi mressaq quddiemha, u jekk fl-affermattiv, tghaddi biex taghti s-sentenza idoneja. Mill-assjem tal-provi kollha, ma hemm l-anqas l-icken dubju li Friggieri holoq messa in xena shiha u ffroda lil Spiteri somma fenomenali ta' flus, madwar €750,000, f'perijodu ta' kwazi sentejn. L-imputat ma offra ebda spjegazzjoni plawsibbli ghal dan l-agir tieghu. Hu qal li l-flus li ha minn ghand Spiteri kien anqas minn dak indikat, li kien uzahom biex ihallas id-dejn li kellu, u li kien lest ihallashom lura. Minn dan kollu, izda, ma kien hemm xejn tul dawn il-proceduri. Ghalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat hati, u sejra tghaddi biex taghti l-piena li jixraq f'kaz bhal dan. Bl-addebitu tar-recidiva u tar-reat kontinwat, tali piena tista' toghla minn grad sa erba' gradi. Ghalhekk il-piena massima, li f'kazijiet bhal dawn hi ta' seba' snin, tista toghla sa bejn disa' snin u ghoxrin sena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310(a), 18, 28A, 28B, 28C, 49, 50, 17, 23, 23A, 31 u 533 tal- Kap 9 u Artikolu 5 tal- Kap 373 tal- Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghall- piena ta' ghaxar (10) snin prigunerija.

Tordna d-dhul fis- sehh tas- sentenzi sospizi datati 2 ta' Mejju 2009 u 19 ta' Gunju 2009, fejn kien ikkundannat ghal piena ta' sentejn prigunerija sospizi u tlittax-il xahar prigunerija sospizi rispettivament, b' hekk l- imputat ghandu jservi total ta' tlittax (13)- il sena u xahar prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------